**Stqarrija Ministerjali magħmula mill-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela dwar il-Kunsill Ewropew li nżamm fl-24 u l-25 ta' Mejju 2021**

Sur President,

Nhar it-Tnejn, 24 u t-Tlieta, 25 ta' Mejju 2021 reġa' ltaqa' l-Kunsill Ewropew. Fuq l-aġenda ta' din il-laqgħa speċjali tal-Kunsill kien hemm:

1. Il-pandemija;
2. It-tibdil fil-klima;
3. Ir-Russja;
4. Ir-Renju Unit; u
5. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

Mat-temi li kien hemm diġà fuq l-aġenda żdiedet ukoll id-diskussjoni dwar il-Bjelorussja u sitwazzjoni li żviluppat waqt il-laqgħa fil-Mali.

Nibda mill-ewwel punt, il-pandemija.

Il-ħidma tal-Unjoni Ewropea u l-ispjega li tat il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursola von der Leyen rigward l-istrateġija ta' tilqim kontra l-COVID-19 intlaqgħet tajjeb mill-Kunsill. Il-President spjegat b'mod dettaljat l-aħħar żviluppi fil-proċess ta' xiri tal-vaċċin mill-Kummissjoni, kemm ġew amministrati dożi u elementi oħra relatati mal-proċessi ta' produzzjoni u kif din tistà tiġi aċċellerata.

F'dan ir-rigward, bħala mexxejja tlabna li r-ritmu pożittiv ta' vaċċinar madwar l-Unjoni Ewropea jibqa' jiġi sostnut u msaħħaħ. Qbilna li programm ta' vaċċinar b'saħħtu, flimkien ma' titjib fis-sitwazzjoni epidemjoloġika, se jippermetti l-ftuħ gradwali u t-tnaqqis ta' restrizzjonijiet fl-Istati Membri. Madanakollu, ilkoll sostnejna l-ħtieġa li nibqgħu viġilanti u għajnejna miftuħin għall-varjanti ġodda sabiex nieħdu l-azzjonijiet neċessarji kif ikun meħtieġ.

Emfassizzajna li sabiex dan isir, se tkun kruċjali l-ħidma kontinwa biex titħaffef il-produzzjoni tal-vaċċini u li tiġi żgurata provvista adegwata fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-Unjoni Ewropea, bħala Kunsill Ewropew ilqajna l-ftehim li ntlaħaq fi żmien rekord dwar dan iċ-ċertifikat bejn il-koleġiżlaturi tal-Unjoni, sforz l-impenn kontinwu tal-Presidenza Portugiża. Appellajna wkoll biex dan iċ-ċertifikat jibda jintuża mill-aktar fis. Dan bħala parti mill-isforzi tagħna, biex nassiguraw approċċ koordinat qabel l-istaġun tas-Sajf. Bħala mexxejja qbilna li l-pass li jmiss biex niffaċilitaw il-moviment liberu fl-Unjoni Ewropea, huwa li sa nofs Ġunju ssir reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ivvjaġġar fl-Unjoni Ewropea. Dan filwaqt li lqajna r-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-Istati Membri.

Fl-aħħar jiem f'pajjiżna bdejna s-sistema tagħna taċ-ċertifikat tal-vaċċin. Inħares 'il quddiem biex din tingħaqad ma' dik tal-Unjoni Ewropea meta jasal il-waqt.

Dwar dan il-punt fuq l-aġenda, qbilna li l-impatt tal-pandemija jista' jiġi indirizzat biss permezz ta' rispons globali. L-Unjoni Ewropea hija l-akbar esportatur tal-vaċċini kontra l-COVID-19 fid-dinja, u għalhekk bħala mexxejja qbilna li jeħtieġ li nkomplu bl-isforzi tagħna biex tiżdied il-kapaċità ta' produzzjoni tal-vaċċin biex nissodisfaw il-ħtiġijiet globali. Appellajna għalhekk,

biex tithaffef il-produzzjoni biex jiġi assigurat aċċess globali ekwu għall-vaċċin kontra l-COVID-19, u sostnejna l-appoġġ tagħna għall-irwol ewlieni tal-COVAX f'dan ir-rigward.

Ikkomettejna wkoll li l-Unjoni Ewropea u bħala Stati Membri, ngħinu pajjiżi fil-bżonn permezz ta' donazzjonijiet ta' vaċċin lejn pajjiżi terzi, li m'għandhomx aċċess għall-vaċċin.

Hawn ta' min wieħed jinnota li 12-il Stat Membru tal-Unjoni diġà kkommettew bejniethom li se jagħtu 96 miljun doża lill-pajjiżi terzi.

Kemm għamilni kburi, Sur President, il-fatt li nikkomunika lill-membri tal-Kunsill Ewropew u sħabi prim ministri r-riżultati tal-isforzi li għamlu l-*frontliners* u l-poplu tagħna u li bis-saħħa tal-għaqal tagħhom kellna riżultati daqstant tajbin. Pajjiż daqstant ċkejken li rnexxielu jlaqqam b'rati li huma l-ogħla fl-UE, iżomm kontroll tal-pandemija, u bl-impenn u l-fiduċja li ta lill-poplu permezz ta' miżuri bħall-*wage supplement* żamm l-ekonomija b'saħħitha.

Dawn huma l-affarijiet li jagħmluni kburi meta nkun madwar il-mejda tal-Kunsill Ewropew.

Tema oħra fuq l-aġenda kienet il-bidla fil-klima.

Wara li f'Diċembru li għadda qbilna li din il-kwistjoni terġa' tiġi diskussa, fil-Kunsill Ewropew kellna skambju dwar is-suġġett. Bħala mexxejja affermajna mill-ġdid il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020, u lqajna l-qbil milħuq mill-koleġiżlaturi dwar il-Liġi tal-Klima. F'din id-diskussjoni tkellimt dwar il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna ta' Stati Membri li huma gżejjer, bħal Malta.

Stedint lill-Kummissjoni Ewropea biex flimkien mal-pakkett leġiżlattiv tagħha tippreżenta analiżi dettaljata tal-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fuq livell nazzjonali tal-proposti li ser jiġu varati. Bħala mexxejja lqajna wkoll it-tiġdid tal-impenn tal-Istati Uniti dwar il-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li sostnejna li bħala Unjoni Ewropea lesti biex nisfruttaw il-momentum globali u appellajna lis-sħab internazzjonali tagħna, b'mod partikolari lill-membri tal-G20, biex ikunu aktar ambizzjużi qabel il-laqgħa tal-COP26 fi Glasgow. Id-diskussjoni fuq din it-tema fuq livell ta' Kunsill Ewropew se tkompli wara li l-Kummissjoni Ewropea tippreżenta l-proposti tagħha.

Hawn erġajt tennejt l-ispjegazzjoni li kont tajt lill-Kunsill f'Diċembru li għadda meta spjegajt li filwaqt li naqblu mal-mira ta' 55% tnaqqis fl-emissjonijiet sal-2050 meta kkumparat mal-1990, importanti li l-miri ma jkunux biss ambizzjużi imma realistiċi. Għalhekk wieħed irid iħares lill hinn mill-istatistika tal-prodott domestiku gross meta jalloka miri nazzjonali u jara b'mod speċjali l-kuntest ta' kull Stat Membru, il-punt tat-tluq tiegħu u l-potenzjal tiegħu li jnaqqas aktar l-emissjonijiet tiegħu.

Dwar il-Bjelorussja, bħala Kunsill ikkundannajna b'mod ċar l-inżul sfurzat ta' titjira tar-Ryanair f'Minsk, il-Bjelorussja, fit-23 ta' Mejju 2021, li pperikolat is-sigurtà tal-avjazzjoni u wasslet għall-arrest tal-ġurnalist Raman Pratasevich u s-sieħba tiegħu ta' dixxendenza Russa Sofia Sapega mill-awtoritajiet tal-Bjelorussja.

Bħala mexxejja tlabna għall-ħelsien immedjat tal-ġurnalist u l-persuna li kienet qed tivvjaġġa miegħu, u li tiġi ggarantita l-libertà ta' moviment tagħhom. Appellajna wkoll lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili biex tinvestiga b'mod urġenti dan

l-inċident bla preċedent. Qbilna wkoll dwar aktar sanzjonijiet fuq il-Bjelorussja, fosthom li l-linji tal-ajru Ewropej ma joperawx lejn dan il-pajjiż.

Matul dibattitu strateġiku dwar ir-Russja, bħala Kunsill ikkundannajna l-attivitajiet illegali u provokattivi tar-Russi kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Affermajna mill-ġdid l-unità u s-solidarjetà tagħna quddiem atti bħal dawn kif ukoll l-appoġġ tagħna għall-imsieħba tal-Lvant. Esprimejna s-solidarjetà tagħna mar-Repubblika Ċeka u tennejna l-appoġġ għar-rispons tagħha. Ikkonfermajna wkoll mill-ġdid l-impenn tagħna għall-ħames prinċipji li jirregolaw ir-relazzjoni politika tal-Unjoni Ewropea mal-Federazzjoni Russa. Stedinna wkoll lir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea biex jippreżentaw rapport dwar l-għażliet politiċi għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja f'konformità ma' dawn il-prinċipji.

Hawn, bħal temi oħra relatati mar-relazzjonijiet barranin li l-UE għandha ma sħab internazzjonali, Malta kienet promotur ta' linja tal-ħsieb li tippromwovi djalogu u tevita l-eskalazzjoni ta' tensjonijiet.

Fid-diskussjoni dwar ir-relazzjoni mar-Renju Unit, ilqajna d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, u enfasizzajna l-importanza li issa li dan il-ftehim, flimkien mal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, ġew ratifikati, jeħtieġ li jiġu implimentati b'mod effettiv u jibdew joperaw l-istrutturi governattivi tagħhom. Qbilna li ż-żewġ ftehimiet jippermettu li l-Unjoni Ewropea jkollha sħubija mill-qrib mar-Renju Unit, li minkejja li bħala pajjiż mhux membru ma tistax tgawdi mill-istess benefiċċju li jgawdi Stat Membru, ir-relazzjoni tkun ibbażata fuq bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi f'kull mument. Appellajna biex ir-relazzjonijiet mar-Renju Unit jibqgħu ta' benefiċċju reċiproku u fl-ebda ċirkostanza ma jdgħajfu l-integrità tas-Suq Uniku jew l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Temmejna d-diskussjoni bi stedina lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tassigura l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet, fosthom fl-oqsma li jirrigwardjaw id-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej.

Ninnota b'mod pożittiv, Sur President, li f'Malta ammont mhux żgħir ta' ċittadini tar-Renju Unit applikaw għad-dokument ġdid ta' residenza u numru sostanzjali minnhom diġà ngħataw dan id-dokument. Pożittiv ukoll il-fatt li dwar ir-Renju Unit, sieħeb daqshekk importanti għalina bħala pajjiż, nibqgħu aġġornati aħna direttament bħala mexxejja, filwaqt li nibqgħu nżommu d-diskussjoni dwar dawn ir-relazzjonijiet għaddejja.

Dwar il-ġlied li kien hemm riċentament fil-Lvant Nofsani, bħala Kunsill lqajna l-ftehim tal-waqfien mill-ġlied bejn l-Iżrael u l-Hamas u tennejna l-impenn tagħna li nkomplu naħdmu ma' sieħba internazzjonali biex nibdew proċess politiku mill-ġdid.

Bħala mexxejja kkundannajna b'mod qawwi l-ħtif tal-President transitorju tal-Mali u tal-Prim Ministru u tlabna għall-ħelsien immedjat tagħhom.

Finalment, Sur President, waqt waħda mis-sessjonijiet informali li kellu l-Kunsill iddiskutejna punt li ma kienx fuq l-aġenda iżda li għal diversi pajjiżi fil-Mediterran, inkluż Malta, jibqa' kwistjoni importanti – l-immigrazzjoni. Dan għax din baqgħet sfida kontinwa, inkluż din is-sena, fl-aħħar xhur u fl-aħħar ġimgħat. Pajjiżi ġirien tagħna rrappurtaw żieda sostanzjali ta' immigranti li ġew salvati mill-ibħra tagħhom u disembarkati f'pajjiżhom.

Dwar dan, anke sforz il-ħidma u x-xogħol li sar mill-Gvern Malti, se jkun hemm diskussjoni aktar fit-tul fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju li ġej.

Quddiem dan il-fenomenu dan il-gvern se jibqa' jagħmel dak kollu possibbli biex inaqqas kemm jista' l-impatt fuq pajjiżna. Aħna bħala Gvern sodisfatti li l-ħidma tagħna mal-Gvern Libjan qed tħalli l-frott. Dan fl-istess ħin qed ikunu salvati l-ħajjiet u jitkisser il-mudell li jħaddmu ċ-ċrieki ta' kriminalità li jgħixu minn fuq it-traffikar tal-persuni. Nifhmu li *weekend* wieħed jaf ibiddel kollox u għalhekk l-importanza li dan is-suġġett inżommuh fuq l-aġenda kontinwament.

Sur President, qed inpoġġi wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-konklużjonijiet kif adottati mill-Kunsill.